MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 904/1988/3

**Emmanuel Zahra bhala chairman ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bonnici & Zahra Limited**

**v.**

**Chief Government Medical Officer ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sahha, id-Direttur tal-Kummerc ghan-nom in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Kummerc u l-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fis-6 ta' Ottubru 1988, u li taqra hekk:

"Illi hi kienet ordnat u importat minn barra merkanzija konsistenti f'mitejn xkora asbestos fibre kif dikjarata fil-licenzja tal-importazzjoni numru 211501 u kif debitament awtorizzata mid-Dipartiment tas-Sahha skond timbru rilaxxjat mill-istess Dipartiment fit-18 ta' Dicembru, 1987.

"Illi meta s-socjeta' attrici giet biex tisdogana u tirtira l-fuq imsemmija merkanzija hi giet mizmuma milli taghmel hekk mill-istess Dipartiment tas-Sahha billi l-istess Dipartiment ippretenda li dan il-materjal huwa perikoluz ghas-sahha tal-bniedem.

"Illi l-importazzjoni tal-istess merkanzija fuq imsemmija kienet regolari u skond il-kondizzjonijiet kollha tal-Gvern, u skond il-licenzji li inghataw mid-Dipartimenti koncernati u ghalhekk id-Dipartiment tal-Gvern ma kellux l-awtorita' u s-sahha bil-ligi li jwaqqaf l-importazzjoni tal-merkanzija fuq imsemmija.

"Illi biz-zamm tal-istess merkanzija s-socjeta' attrici qieghda u ghadha qed isofri danni serji konsistenti f'telf ta' qliegh u telf ta' produzzjoni billi l-istess merkanzija kellha bzonnha sabiex tintuza fil-fabbrika tas-socjeta' attrici.

"Ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob li jigi:

"1. dikjarat bhala illegali u bla bazi fil-ligi ir-rifjut tal-konvenuti li jippermettu r-rilaxx tal-merkanzija in kwestjoni,

"2. li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew minn minnhom, huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici u dawk li ghad tista' ssofri l-istess socjeta' attrici minhabba n-nuqqas ta' rilaxx tal-istess merkanzija u

fi kwalsiasi kaz minhabba l-fatt li lis-socjeta' attrici kienet inhargitilha licenzja regolari ghall-importazzjoni tal-istess.

"3. li jigu likwidati dawn id-danni, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kundannati ihallsu lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati u dan in vista tal-obbligazzjonijiet premessi kif ukoll bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenuti jew min minnhom.

"Il-konvenuti gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi s-segwenti xhieda ndikati mis-socjeta' attrici huma inamissibbli:- "Impjegati tal-attur, impjegati tad-Dipartiment tal-Gvern koncernati" u dan billi s-socjeta' attrici naqset li taghti l-ismijiet tax-xhieda li huma bi hsiebhom jipproducu kif hu tassattivament rikjest fl-artikolu 156(3) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

"2. Illi fil-meritu t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti qatt ma awtorizza l-importazzjoni ta' mitejn xkora asbestos fibre fil-licenzja tal-importazzjoni numru 211501 u inoltre l-hrug ta' licenzja ta' importazzjoni huwa fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Kummerc u mhux tal-eccipjenti.

"3. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Il-karenza ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur ai termini tal-Artikolu 742(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

“2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-importazzjoni ta’ materjali tossici (bhal ma hu l-asbestos fibre kancerogenu li jrid idahhal f’ Malta l-attur) apparti li hija regolata, bhal kull prodott iehor mir-Regolamenti ta’ l-1969 dwar il-kontroll numru 38 tar-Regolamenti ta’ l-1986 dwar il-Fabbriki (sahha, skansar u hsieb generali), u ghalhekk it-talbiet tal-attur, li huma bazati biss fuq il-licenzja ta’ importazzjoni numru 211501 mahruga skond ir-Regolamenti ta’ l-1969 biss, huma insostenibbli.

“3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-‘Asbestos Products Control Form’ esibita mill-attur bhala “Dok E” ma tistax isservi bhala l-bazi tal-pretensjonijiet kontra l-esponenti stante li l-istess formula hija imbaghbsa, mhux mimlija skond l-istruzzjonijiet, ma taghmilx sens, u ghalhekk kull awtorizazzjoni allegatament moghtija abbazi taghha hija, fi kwalunkwe kaz, nulla.

“4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet ta’ l-attur kwantu ibbazati fuq il-pretensjoni li kien jezisti xi kuntratt bejnu u bejn l-eccipjent fis-sens li l-eccipjent kellu, anke akkost li jabbanduna l-funzjoni pubblika tieghu, ihalli lill-attur jimporta l-materjal tossiku u kanceroginu in kwistjoni, huma insostenibbli u karenti minn fondament guridiku, stante li l-esercizzju tal-funzjonijiet li huma esercitati b’ligi fl-interess pubbliku ma jistghux ikunu soggetti ghal kuntratt.”

Rat is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fit-23 ta’ Settembru 1993, li in forza taghha sentenza in prim istanza giet kkonfermata kwantu fejn l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti giet michuda, izda revokata kwantu ghall-kumplament u konsegwentement gew akkolti l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta` attrici u b’hekk gie dikjarat bhala llegali u bla bazi fil-ligi r-rifjut tal-konvenuti nomine li jippermettu r-riklam tal-merkanzija msemmija fic-citazzjoni u l-konvenuti gew dikjarat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici u dawk li ghad tista’ ssofri l-istess socjeta` attrici minhabba l-agir illegali taghhom u gie wkoll ordnat li l-process jintbghat lura lil Prim’Awla tal-Qorti Civili biex jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta` attrici.

Il-konvenut Direttur tal-Kummerc talab li l-imsemmi appell jigi ritrattat, u b'sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju 2003, l-istess Qorti ddisponiet dwar din it-talba ghal ritrattazzjoni tal-konvenut Direttur tal-Kummerc billi giet imhassra l-imsemmija sentenza biss u limitatament inkwantu dik is-sentenza tolqot kemm fil-meritu kif ukoll fil-kap tal-ispejjez lid-Direttur tal-Kummerc, izda thalliet impregudikata (u ghalhekk ezegwibbli, salv il-kwantifikazzjoni tad-danni li kellha ssir mill-Prim'Awla) fir-rigward tal-konvenuti Chief Government Medical Officer ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u tal-Kontrollur tad-Dwana u inoltre gie ordnat li l-appell jigi ritrattat biss u limitatament inkwantu jikkoncerna lill-imsemmi Direttur tal-Kummerc.

Rat li l-atti fil-konfront tad-Direttur tal-Kummerc gew irrinunzjati b'nota li resqet is-socjeta` attrici fis-17 ta' Novembru 2003;

Rat li in segwitu`, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ssoktat tisma' l-kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni fil-konfront biss tac-Chief Government Medical Officer in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u l-Kontrollur tad-Dwana;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Gunju 2011, li in forza taghha dderremiet il-kwistjoni allura pendenti (likwidazzjoni tad-danni) billi laqghet it-tielet talba attrici u llikwidat id-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici fis-sens li gej:

"... ... billi tilqa t-tielet talba attrici u tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' euro tmien mija u disgha u tmenin u tnejn u sittin centezmu (€889.62) u tordna lill-konvenuti Chief Medical Officer in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana jhallsu in solidum bejnithom lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' euro tmien mija u disgha u tmenin u tnejn u sittin centezmu (€889.62) in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kolllha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

"L-ispejjez jitthallsu kollha mill-imsemmija konvenuti in solidum bejnithom."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Is-socjeta' attrici kienet importat mitejn (200) xkora "asbestos fibre" bis-sahha ta' licenzja tal-importazzjoni debitament mahruga u tali importazzjoni kienet giet awtorizzata mid-Dipartiment tas-Sahha. In effett id-Dipartiment tas-Sahha ma halliex li l-imsemmija merkanzija tghaddi mid-Dwana u b'hekk is-socjeta' attrici giet mizmuma milli tirtirha peress li l-materjal importat kien perikoluz ghas-sahha tal-bniedem. Is-socjeta' attrici tippretendi li din l-importazzjoni kienet regolari u kienet skond il-kondizzjonijiet kollha imposti. Skond is-socjeta' attrici d-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda jedd li jwaqqaf l-importazzjoni tal-merkanzija imsemmija. Is-socjeta' attrici tippretendi li, minhabba dan l-agir, hi qed isofri danni serji konsistenti f'telf ta' qliegh u telf ta' produzzjoni. Fuq dawn il-premessi s-socjeta' attrici talbet li l-imsemmi rifjut da parti tal-konvenuti jigi dikjarat bhala illegali u bla bazi fil-ligi u talbet ukoll li jigi dikjarat li l-konvenuti huma responsabbli ghal dawn id-danni.

"B'sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjduta) tas-26 ta' Gunju 1990 gie deciz illi li l-eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti in-nuqqas ta' gurisdizzjoni kellha tigi respinta u, fin-nuqqas ta' licenzja li kienet tintitola lis-socjeta' attrici li timporta f'Malta l-merkanzija in kwestjoni, it-talbiet kollha attrici gew kellhom michuda.

"Is-socjeta' attrici intavolat appell mill-imsemmija sentenza u l-konvenut Chief Government Medical Officer intavola appell incidentali mill-istess sentenza. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Settembru 1993 l-appell incidentali tal-imsemmi konvenut gie michud mentri l-appell tas-socjeta' attrici gie milqugh u ghalhekk is-sentenza appellata giet riformata billi giet konfermata fejn l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni giet michuda u giet revokata kwantu ghall-kumplament u konsegwentement gew akkolti l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' attrici u b'hekk gie dikjarat bhala llegali u bla bazi fil-ligi r-rifjut tal-

konvenuti li jippermettu r-riklam tal-merkanzija imsemmija fic-citazzjoni u l-konvenuti gew dikjarat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici u dawk li ghad tista ssofri l-istess socjeta' attrici minhabba l-agir illegali taghhom u gie ukoll ordnat li l-process jintbghat lura lil din il-Qorti appuntu sabiex jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici. Il-konvenut Direttur tal-Kummerc talab li l-imsemmi appell jigi ritrattat fil-konfront tueghu..

"B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Mejju 2003, dwar it-talba ghal ritrattazzjoni tal-konvenut Direttur tal-Kummerc gie deciz li tigi mhassra l-imsemmija sentenza pero' biss u limitatament in kwantu dik is-sentenza tolqot kemm fil-meritu kif ukoll fil kap tal-ispejjez lid-Direttur tal-Kummerc izda baqghet in pregudikat fir-rigward tal-konvenuti Chief Government Medical Officer ghan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u tal-Kontrollur tad-Dwana. Inoltre gie ordnat li l-appell jigi ritrattat biss u limitatament in kwantu jikkoncerna lill-imsemmi Direttur tal-Kummerc.

"Bhala konsegwenza ta' dan kollu jirrizulta li l-eccezzjoni rigwardanti n-nuqqas ta' gurisdizzjoni giet definittavament u finalment respinta. Inoltre bl-istess mod gew akkolti l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' attrici u kwindi l-imsemmi rifjut gie dikjarat bhala llegali u l-konvenuti gew dikjarati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici. Il-process intbghat lura lil din il-Qorti biex jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici. Il-fatt li wiehed mill-konvenuti, cioe' l-konvenut Direttur tal-Kummerc, talab li l-appell jigi ritrattat ma ghandu ebda effett fuq il-posizzjoni tal-konvenuti l-ohra c-Chief Medical Officer in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u l-Kontrollur tad-Dwana u kwindi li ghad irid isir hu li jigu likwadati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici pero' biss fil-konfront taz-zewg konvenuti imsemmija. Ghalhekk din il-kawza qed tissokta biss fil-konfront tal-konvenuti c-Chief Medical Officer in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sahha u l-Kontrollur tad-Dwana.

"Ir-responsabilità tal-konvenuti versu s-socjeta' attrici giet definittavament u finalment stabbilita u ghalhekk fadal biss li jigu likwidati d-danni relattivi sofferti mis-socjeta' attrici. L-artikolu 1031 tal-Kap.16 jipprovdi kull persuna ghandha twiegeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija taghha. L-artikolu 1032(1) jistipula li ghandu "jitqies fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja." In linea ma dawn id-disposizzjonijiet u mal-imsemmija sentenzi li pprecedew il-presenti, l-konvenuti għandhom iwieġbu għall-ħsara li ġarrbet is-socjeta' attrici. Huwa principju assodat tad-dritt, fil-kamp tal-kumpens ghal danni, li "l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" ("Tufigno vs Micallef noe", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga' jitqieghed regonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. ("Galea pro et noe vs Gatt et" – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta' Novembru 1958 ; "Zammit vs Calleja" – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977 ; "Sant vs Borg" - Prim' Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979).Il-prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofra dak id-dannu. (Prim Awla, Citazzjoni Numru. 598/2007 Fairs & Exhibitions

Limited (C-2599) kontra Noel Calleja 30 ta' Settembru, 2010). Ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova l-ezistenza u il-quantum tad-dannu.

"Mid-dokumenti prodotti mis-socjeta' attrici gew indikati s-segwenti danni:-

"L-ispiża tal-materjal skond il-liċenzja a fol 12 (overleaf) tammonta għal Lm1920 (Ewro 4473.60). Jigi rlievat hawnhekk li l-imsemmi ammont ta' Lm1920 huwa indikat fil-liċenzja mentri fil-prospett a fol.198 prodott mis-socjeta' attrici l-ammont hu indikat bhala Lm1902 ovvjament bi zball. F'dan ir-rigward ix-xhud prodott mis-socjeta' attrici kkonferma li limsemmi ammont ghall-materjal għadu ma tħallasx peress li dan kien għadu ma ġiex rilaxxat (fol.54). Kwindi tesisti dn d-diffikulta' biex dan l-ammont jiġi kkumpensat lis-socjeta' attrici peress li l-istess socjeta' attrici l-istess ammont ma hallsitux. Jekk għall-grazzja tal-argument il-kumpanija Taljana fornitrici tiddeċiedi li ma tibdiex proċeduri ġudizzjarji kontra l-attur, jew ma tkunx tista' tagħmel dan (jekk l-azzjoni relattiva tkun preskritta) l-attur ikun qed jiġi kkumpensat għall-ammont illi fil-fatt ma jkunx ħallas. Ghalhekk billi jidher li ma sar ebda ħlas, wieħed ma jistax jitkellem fuq kumpens. L-istess għandu jingħad fir-rigward tal-interessi dovuti fuq dan l-ammont u kwindi ebda kumpens ma huwa dovut f'dan ir-rigward. L-ispiża tal-ġarr kif muri f'dokument a fol 200 maħruġ mis-Sea Malta huwa ta' Lm307.74 (Ewro 717.03) u l-ispiża tal-maniġġ u irfiegħ hija ta' Lm74.16 skond dok a fol 201 (Ewro 172.79). Dawn l-ammonti fil-fatt thallsu għaliex a fol.200 hemm it-timbru paid u fuq fol 201 hemm it-timbru received payment u kwindi ta' dawn is-socjeta' atrici għandha tiġi kkompensata.

"Is-socjeta' attrici ppresentat ukoll "Income tax Declarations" għas-sena 1987 fir-rigward ta' ħames (5) ħaddiema impjegati maghha (fol.202 sa 206) li juru l-pagi li rċevew dawn il-ħaddiema. Fl-affidavit tax-xhud prodott mis-socjeta' attrici (fol.197) gew indikati xi spejjeż inkorsi fir-"refurbishment" tal-impjant tas-socjeta' attrici. A fol.198 hemm inklusi l-pagi tal-haddiema mal-"expenses and losses." Is-socjeta' attrici kkonfermat li hallset lill-ħaddiema sabiex dawn jagħmlu "upgrade" tal-impjant biex tkun tista' tinħadem il-merkanzija mertu ta' din il-kawża, u ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob li tithallas mill-konvenuti bhala danni s-somma komplessiva tal-pagi mhallsa lill-haddiema. Pero' l-imsemmija formoli tal-"income tax" bl-ebda mod ma jindikaw li dawn il-ħaddiema kienu fil-fatt qed jaħdmu fuq l-imsemmija "upgrade." Dawn il-haddiema ma gewx prodotti biex jghidu liema xogholijiet ghamlu u kwindi ma jistax semplicement jiġi dedott li dawn ħadmu fuq l-impjant fejn kellu jinħadem l-asbestos fibre u lanqas ma jista' jiġi dedott illi s-socjeta' attrici ghandha tigi kkumpensata mill-konvenuti għall-imsemmija pagi allegatament imhallsin lill-haddiema.

"Fl-Imsemmi affidavit (fol.197) id-direttur tas-socjeta' attrici jgħid li s-socjeta' minnu rappresentata sofriet danni f'telf ta' profitt u telf ta' produzzjoni peress li s-socjeta' attrici ma kienitx f'posizzjoni li taħdem il-merkanzija li nżammet fid-Dwana. Fid-dawl tal-prinċipju illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova l-ezistenza tad-dannu, ghandu jinghad, li s-socjeta'attrici ma pprovatx ebda telf ta' profitt għaliex ma resqet ebda prova tanġibbli dwar dan it-telf ta' qliegħ. F'dok BZ1 (fol.198) tissemma seplicement ċifra ta' tirrappresenta, skond l-atturi,

t-telf ta’ profitt cioe’ Lm154,000, li tkopri perjodu ta’ 22 sena, u dan mingħajr ma tingħata ebda spjegazzjoni ta’ kif is-socjeta’ attrici waslet għal dan l-ammont u mingħajr ma ġew preżentati dokumenti li jsaħħu jew jipprovaw dak allegat mill-atturi. Fl-istess affidavit (fol.197) jissemmew dokument ‘E’ ‘F’ u ‘H’ (li jidher li jittrattaw dwar qliegħ li ghamlet jew li setghet taghmel is-socjeta’ attrici). Dawn id-dokumentiu, pero’, effettivament qatt ma ġew ippreżentati u esibiti f’dawn il-proceduri. Kwindi, s-socjeta’ attrici naqset mill-obbligu li jinkombi fuqha li tressaq prova dwar l-allegat telf ta’ qliegħ.

“Inoltre s-socjeta attrici tallega li investiet fl-impjant taghha sabiex tipproduċi l-asbestos lokalment (vide affidavit tax-xhud prodott mis-socjeta attrici). Bħala prova ta’ dan, gie esibit id-dokument ‘G’ a fol 207. Dan hu dokument datat 15 ta’ Marzu 1979 fejn hemm stima. Ix-xhud prodott mis-socjeta’ attrici qal li fl-1980 inġieb impjant ieħor eżatt l-istess bħal dak tal-1979 (cioe’ għal dak li hemm referenza ghalih fl-imsemmija stima a fol.207. Ghandu jinghad, pero’, li ma ġiet preżentata ebda irċevuta li tirreferi għal dan l-impjant. Inoltre fir-rigward tal-impjant li nxtara fl-1980 sabiex jinħadem l-asbestos fibre, ma tista’ ssir ebda presunzjoni illi dan it-tieni impjant jiswa daqs kemm kien jiswa l-ewwel impjant. Inoltre, fl-opinjoni tal-Qorti s-socjeta’ attrici ma tistax tippretendi li tiġi kkumpensata għall-impjant li gie akkwistat ħafna qabel ma nħarġet il-liċenzja in kwestjoni u cioe’ fil-1988. Kwindi d-dannu ma ġiex ippruvat u ma jista’ jingħata ebda kumpens għall-investiment fl-impjant.

“Ghalhekk in vista ta’ dak kollu li gie premess id-danni totali sofferti mis-socjeta’ attrici u li gew ippruvati, ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ euro tmien mija u disgha u tmenin euro u tnejn u sittin centezmu (€889.62).”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“... ... tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma inkwantu dina laqghet it-tielet talba attrici u tirriforma in kwantu llikwidat id-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta’ €889.62 u b’hekk tillikwidah f’ammont verjuri superjuri u b’hekk tiddeciedi billi tikkundanna lill-appellati jhallsu d-danni hekk ulterjorment likwidati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tac-Chief Government Medical Officer u tal-Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "... ... tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Gunju 2011 billi thassarha u tirrevokaha inkwantu ordnat lill-esponent jhallsu s-somma ta' jhallsu in solidum lis-socjeta` appellanti s-somma komplessiva ta' tmien mija u disgha u tmenin euro u tnejn u sittin centezmu (€889.62) bl-imghaxijiet bl-ispejjez."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta li s-socjeta` attrici importat mitejn xkora *asbestos fibre* wara permess mid-Dipartiment tas-Sahha. Wara li l-merkanzija waslet Malta, ir-rilaxx taghha mid-Dwana gie mizmum peress li l-materjal gie meqjus perikoluz ghas-sahha tal-bniedem. Ghalkemm dan gie rikonoxxut minn din il-Qorti, bilmod kif l-awtoritajiet l-ewwel hargu permess ghall-importazzjoni u wara l-prodott gie mizmum, wassal lil din il-Qorti ssib lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici. L-ewwel Qorti, wara li

semghet il-provi fir-rigward, illikwidat id-danni fl-ammont ta' tmien mija, disgha u tmenin Euro u tnejn u sittin centezmi (€889.62).

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici li tippretendi ammont akbar ta' kumpens, u appellaw ukoll il-konvenuti li jippretendu li ma ghandhom ihallsu ebda ammont ta' danni.

Trattat l-appell, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti llikwidat bhala danni biss l-ispejjez relattivi ghall-importazzjoni tal-merkanzija, izda ma llikwidatx il-prezz tal-merkanzija. Gie osservat mill-ewwel Qorti li s-socjeta` attrici ma ppruvatx li hallset ghall-istess merkanzija. Din, pero`, mhix konsiderazzjoni li l-ewwel Qorti kellha taghmel. Jibqa' l-fatt, f'kull kaz, li ghalkemm is-socjeta` attrici wriet li l-merkanzija kienet taghha, hallsitx ghalih jew le, il-merkanzija hi bla uzu u bla valur. Is-socjeta` attrici ma tistax tissottometti li ttehdilha *asset* ghax l-*asbestos* ma jistax jintuza fis-suq. Ma ttiehdilhiex, kwindi, oggett ta' valur li jimmerita kumpens, anzi tkun trid tonfoq flus biex tiddistruggieh b'mod bla perikolu ghas-sahha.

Dwar it-telf ta' qliegh jew investiment, is-socjeta` attrici kienet ukoll, jew imissha kienet, ben a konoxxenza tal-fatt illi l-*asbestos* huwa materjal tossiku u perikoluz hafna u ilu maghruf hekk mad-dinja zviluppata kollha u dan sa mis-snin sittin – ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2010, fil-kawza **Fenech et v. Chairman tal-Malta Drydocks noe et**, fejn hemm

konsiderazzjonijiet akkurati dwar il-hsara li jaghmel l-*asbestos fibre* u l-iskoperta tan-ness kawzali bejn l-*asbestos* u l-*mesothelioma* fl-1960. Ma jirrizultax, allura li anke jekk kienet thalliet tisdogana l-materjal, is-socjeta` attrici kienet taghmel il-qliegh li qed tippretendi. Il-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija bazata fuq spekulazzjoni, u in konsiderazzjoni tal-fatt li din l-ispekulazzjoni hija mibnija fuq prospettivi li ma hux probabbli li kienu jitwettqu, ma tarax li tista' jew ghandha tillikwida kumpens taht dan il-kap. Din il-Qorti ma tistax tipprezumi li l-awtoritajiet kompetenti kienu ser ikomplu jippermettu l-uzu *unabated* ta' prodotti perikoluzi u tossici.

Dwar l-appell tal-konvenuti li m'ghandhomx ihallsu dannu peress li kellhom dritt, bis-sahha tal-ligi, li jzommu l-importazzjoni ta' materjal tossiku, jigi rilevat illi din il-Qorti, fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1993, f'din il-kawza, osservat li licenzja ta' importazzjoni tohrog fuq responsabbilta` ta' min johrogha u mhux ta' min japplika, u kien dmir ta' kull dipartiment li jara li l-licenzja tkun konformi mal-ligi. Fin-nuqqas ta' prova ta' qerq, *una volta* li licenzja tohrog, min johrog l-istess irid iwiegeb ghall-konsegwenzi. Kif qalet din il-Qorti, *"Jekk il-konvenuti minhabba traskuragni u/jew negligenza johorgu licenzja ghall-importazzjoni ta' merkanzija nonostante li din hi jew tista' tkun kontra xi regolamenti ad hoc jekk huma jzommu lill-importatur in buona fede bhal fil-kaz prezenti milli jirtiraha wara li giet importata, ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni li sofrew u li jistghu jsofru."* Ghalhekk, il-konvenuti jridu

jhallsu dawk id-danni reali u ppruvati li garbet is-socjeta` attrici konswegenza tal-agir inkwistjoni.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell tas-socjeta` attrici u kemm mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-10 ta’ Gunju 2011.

L-ispejjez marbuta ma’ din il-kawza jithallsu kif gia` hu deciz, waqt li l-ispejjez relatati ma’ dan l-appell jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-appell taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------